**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Therese Xerri**

**Kumpilazzjoni 19/2019**

**Illum, 14 ta' Marzu 2019**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra:

**Therese Xerri, detentriċi tal-karta ta' l-identita' bin-numru 339099M.**

Akkużata talli fi 2 ta' Jannar 2019 għal 10:30am ġewwa Triq l-Tamar San Pawl il-Baħar u/jew f' dawn il-ġżejjer mingħajr il-ħsieb li toqtol jew li tqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f' periklu ċar ikkaġunajt ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioe' offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Anastasiya Anpilogova minn San Pawl il-Baħar skond kif iċċertifikat Dr Marilyn Baldacchino Reg 3556 miċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Mosta.

Ukoll talli fl-istess ċirkostanzi għamilt lil Anastasiya Anpilogova inġurji jew theddid mhux imsemmi band'oħra fil-Kodiċi Kriminali.

Ukoll aktar talli fl-istess ċirkostanzi b' xi mod ieħor mhux imsemmi band' oħra fil-Kodiċi Kriminali ksirt volontarjament il-buon ordni jew il-kwiet pubbliku.

Ukoll talli fl-istess ċirkostanzi qbadt arma (flixkun) kontra Ansatasiya Anpilogova.

Il-Qorti ġentilment mitluba f'każ ta' ħtija tapplika l-Art 412 C a favur ta' Anastasiya Anpilogova.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-siġurta ta' Anastasiya Anpilogova u tapplika l-provedimenti ta' Art 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha eżebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet il-provi.

Semgħet l-ammissjoni tal-imputata reġistrata fis-seduta tal-lum stess, 14 ta' Marzu, 2019, u għalhekk l-akkużi jirriżultaw pruvati.

Rat illi l-imputata reġgħet ikkonfermat l-ammissjoni tagħha fis-seduta tal-lum stess l-14 ta' Marzu 2019 wara li l-Qorti reġgħet tatha żmien xieraq skont il-liġi sabiex tikkonsidra sew l-ammissjoni tagħha, u wara li l-Qorti wissietha solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet iġġib magħha;

Rat illi għalhekk, il-Qorti setgħet tgħaddi għas-sentenza;

Rat il-fedina penali tal-imputata.

Ikkunsidrat:

Wara li rat l-atti u eżaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li ħadet in konsiderazzjoni taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputata fis-seduta tal-lum stess;

Wara li rat il-fedina penali netta tal-imputata;

**Decide**

Wara li rat l-Artikoli 214, 215, 216(b), 338(dd), 339(b)(e), 383, 384, 385 u 412C tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Din il-Qorti fuq ammissjoni issib lill-istess imputata ħatja u għaldaqstant qiegħda tikkundannaha għal sentejn (2) priġunerija li bl-applikazzjoni

tal-Artikolu 28(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta qed jiġu sospiżi għal erba’ (4) snin.

Il-Qorti qiegħda toħroġ ukoll Ordni ta’ Protezzjoni favur Anastasiya Anpilogova taħt l-Artiklu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta għal żmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputata, fi kliem ċar, l-obbligi tagħha taħt din is-sentenza u l-konsegwenzi tagħha f’każ li l-imputata tikser l-obbligazzjonijiet tagħha skont l-istess sentenza.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur